MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 187/2012

**Praxis Energy Agents S.A., socjeta' estera registrata f'Tortola, British Virgin Islands rapprezentata lokalment mill-mandatarji specjali taghha l-Avukat Dottor Tonio Grech u l-Avukat Dottor Suzanne Shaw**

**vs**

**Minero Tres Inc., socjeta' estera registrata f'Monrovia, Liberia, rapprezentata lokalment mir-Resident Agent taghha Ganado Services Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tat-22 ta' Frar 2012 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta intimata hija proprjetarja tal-bastiment merkantili m.v. MINERO TRES li ghandu n-numru tal-IMO 9491252, registrat hawn Malta bin-numru ufficjali 9491252 - Dok. "A";

2. Illi s-socjeta rikorrenti hija kreditrici tas-socjeta intimata ghall-ammont ta' sitt mija tlieta u disghin elf hames mija sitta u sittin Dollari Amerikani u erba’ u disghin centezmu (USD693,566.94) dovut ghar-rigward ta' bunkers skond il-fattura hawn annessa - Dok. "B", oltre imghaxijiet u spejjez, konsenjati lill-bastiment m.v. MINERO TRES fis-26 ta' Ottubru, 2011 skond il-bunker delivery notes hawn annessi u markati Dok. "C" u Dok. "D";

3. Illi l-kreditu tas-socjeta rikorrenti jaqa' taht is-subartikolu (10)(iv) u/jew (v) tal-artikolu 37 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili [Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta];

4. Illi a tenur tal-imsemmi artikolu 37 tal-Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta' Malta dina l-Onorabbli Qorti tista' tipprojbixxi kull negozju dwar bastiment jew sehem fih;

5. Illi r-rappresentanti tas-socjeta rikorrenti ikkomunikaw mas-socjeta intimata dwar din il-kwistjoni, izda minghajr success;

6. Illi sa fejn taf is-socjeta rikorrenti l-uniku assi tas-socjeta intimata huwa l-imsemmi bastiment merkantili m.v. MINERO TRES registrat hawn Malta, u jekk is-socjeta intimata kellha tbiegh jew titrasferixxi mod iehor dan il-vapur, jonkella tikkostitwixxi xi mortgages fuq l-istess, il-kreditu tas-socjeta rikorrenti jigi eluz;

Tghid ghalhekk is-socjeta intimata ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

i. Tordna li ma jsir ebda negozju u tipprojbixxi kull negozju, bejgh jew self fir-rigward tal-bastiment merkantili m.v. MINERO TRES u fir-rigward ta' kull sehem fl-istess bastiment; kif ukoll li ma jigux kostitwiti u registrati xi "mortgages" fuq l-istess bastiment u r-registru tieghu taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa u

opportuni u skond l-artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta;

ii. Tordna li kull ordni maghmula minn din l-Onorabbli Qorti jigi notifikat lir-Registratur tal-Bastimenti Merkantili u tal-Bahrin a tenur tal-istess artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez komprizi dawk tar-rikors kongjuntiv li qed jigi ppresentat ghall-hrug ta' ordni provisorja, kontra s-socjeta intimata li tibqa' ingunta minn issa ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tas-socjeta attrici;

Rat li s-socjeta konvenuta giet debitament notifikata fit-2 ta’ Marzu 2012 pero ma dehritx ghas-seduta tas-26 ta’ April 2012;

Rat il-verbal tal-istess-seduta tas-26 ta’ April 2012, u semghet lil Dr. Tonio Grech li kkonferma li l-kreditu, ghalkemm f’ammont inqas, ghadu dovut. Il-Qorti hi tal-fehma illi l-bilanc dovut ma jimpengix fuq it-talbiet attrici.

**Decide**

Billi mill-atti u xiehda prodotta t-talbiet attrici jidhru gustifikati, il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u tordna li ma jsir ebda negozju u tipprojbixxi kull negozju, bejgh jew self fir-rigward tal-bastiment merkantili m.v. MINERO TRES u fir-rigward ta' kull sehem fl-istess bastiment; kif ukoll li ma jigux kostitwiti u registrati xi "mortgages" fuq l-istess bastiment u r-registru tieghu skond l-artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta; u li tali ordni tigi notifikata lir-Registratur tal-Bastimenti Merkantili u tal-Bahrin a tenur tal-istess artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------